KUNSILL LOKALI - IL-MUNXAR - LOCAL COUNCIL

# MINUTI

**Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi**

**Laqgħa Nru** KAX 28/2016

Data: 17 ta' Awwissu 2016

Ħin: 5.45 ta' filgħaxija

Post: Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

---

Preżenti: **Is-Sur Mark Anthony Busuttil** - *Chairperson*
**Is-Sinjorina Charmaine Vella** - Viċi *Chairperson*
**Is-Sur Saviour Xiberras** - Membru

**Is-Sinjura Carmen Said** - Sindku

**Is-Sur Anthony Grech** - Segretarju Eżekuttiv

Skużati: **Is-Sinjura Joselle Camilleri** - Membru

Assenti: **Is-Sur Patrick Grima** - Membru

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*;
4. Rapport tas-Sindku;
5. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv;
6. Xogħlijiet u proġetti fix-Xlendi;
7. Materji oħra;
8. Aġġornament.

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**1.01** Peress li l-Minuti ntbagħtu minn xi jiem qabel, dawn ġew meħuda bħala moqrija u ġew approvati.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.01** Ma ġewx imqajma punti mill-Minuti.

## 3. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**3.01** Iċ-*Chairperson* irrimarka li qed jirċievi kummenti favorevoli dwar il-Kalendarju ta' Attivitajiet li qegħdin isiru fix-Xlendi. Is-Sur Saviour Xiberras ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li l-*band* li kien hemm is-Sibt, 13 ta' Awwissu 2016 gergru għaliex tpoġġew is-siġġijiet quddiem il-palk. Huwa ġie infurmat li n-nies ikunu jistennew dawk is-siġġijiet għaliex fil-viċinanzi ma tantx ikun hemm postijiet fejn jistgħu jistrieħu n-nies, speċjalment l-anzjani.

**3.02** Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat li qed ikun hemm tgergir għax mhux ikun hemm wisa' għall-*parking*. Huwa ovvju li jekk ikun hemm konkorrenza kbira ta' nies fix-Xlendi ser ikun hemm problema ta' *parking.* Madanakollu, il-*parking* jista' jibqa' tiela' għal matul Triq ix-Xlendi.

## 4. Rapport tas-Sindku

**4.01** Is-Sindku infurmat lill-Kumitat li x-xogħlijiet fix-Xlendi huma wieqfa ħlief xi manutenzjoni li jkun hemm bżonn li ssir urġenti.

Hija attendiet għal-laqgħa fil-Ministeru għal Għawdex fejn ġiet diskussa l-problema tal-imwejjed u siġġijiet u tined tal-istabbilimenti tax-Xlendi. Kien hemm preżenti l-Ministru għal Għawdex, Uffiċjali mill-Malta Tourism Authority u mil-Lands Department. Is-sidien ġew ordnati li jirregolaw is-sitwazzjoni tagħhom sa April 2017.

Is-Sindku attendiet għal-laqgħa fil-Ministeru għal Għawdex dwar il-problema tan-nuqqas ta' spazju fil-*boatyard* tax-Xlendi. Kien hemm preżenti l-Ministru għal Għawdex, il-Pulizija u Rappreżentant tal-Ministeru għal Għawdex. Ġie deċiż li dgħajjes li ma jintużawx ser jitneħħew u wara li jinżammu għal xahar, dawn jiġu distrutti. Is-Sindku tkellmet dwar il-problema tal-lampa ġdida li twaħħlet fuq in-naħa ta' wara tal-Knisja tax-Xlendi u dwar bozza ġdida li twaħħlet ma' arblu fi Triq il-Biżantini.

## 5. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv

**5.01** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat dwar iż-żewġ problemi tal-lampi ġodda li twaħħlu fix-Xlendi.

Saret referenza għall-ilment li ġie diskuss l-aħħar laqgħa mingħand sid ta' proprjetà li qiegħda fil-kantuniera ta' Triq il-Biżantini ma' Triq il-Qsajjem dwar il-bozza li twaħħlet ma' arblu viċin il-proprjetà tiegħu fejn qed tagħti ħafna dawl lill-proprjetà tiegħu u dwar lampa oħra li hemm ma' arblu fi Triq il-Qsajjem. Il-Kumitat ser jinżel jara mal-inġinier.

Twaħħlet lampa ġdida man-naħa ta' wara tal-Knisja tax-Xlendi u għalkemm il-proprjetà hija tal-Knisja din hija mogħdija għall-persuni li jkollhom problema ta' mobilità u li jkunu jridu jidħlu fil-Knisja u b'hekk jevitaw it-taraġ tal-faċċata. L-Enemalta Corporation oġġezzjonat li d-*demarcation box* titħalla maġenb il-lampa għaliex f'dak il-post ma hemmx għaddejjin linji tad-dawl. L-Inġinier tal-Kunsill/Kumitat ma riedx li jgħaddi l-*cable* hu għax fil-ftehim mal-Enemalta Corporation hemm stipulat li trid tipprovdi s-*supply* sad-*demarcation box*.

B'riżultat ta' dan l-argument, l-Enemalta Corporation qed tgħid li l-lampa hija f'*area* privata u għalkemm diġà hemm lampa oħra mwaħħla u tiffunzjona, jekk il-*bollards* li hemm imwaħħla fl-art fil-bidu tal-mogħdija ma jitneħħewx din il-lampa ser tinqala'. Qed isir tentattiv sabiex il-Kumitat iwassal il-*cable* sas-*supply* tal-Enemalta Corporation.

**5.02** Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand persuna li qattgħet xi jiem ta' mistrieħ fix-Xlendi. Għalkemm din il-persuna faħħret il-post fejn kienet alloġġjata, iżda lmentat dwar imwejjed, siġġijiet u tined li qed jingumbraw il-passaġġi. Qed tilmenta wkoll rigward ir-ramel tax-xtajta li sparixxa. Riċentament saret spezzjoni mill-Malta Tourism Authority u l-Lands Department, u s-sidien li ma humiex armati skont il-permessi ntalbu jirregolaw l-affarijiet sa mhux aktar tard minn April 2017.

**5.03** Il-Kunsill flimkien mal-Ministeru għal Għawdex iffirmaw ftehim sabiex il-Ministeru jikkontribwixxi s-somma ta' €1,000 sabiex tkun tista' ssir il-Fjakkolata kull nhar ta' Sibt mis-6 ta' Awwissu 2016 sal-10 ta' Settembru 2016. Il-membri tal-Kumitat ilmentaw li l-ammont ta' fjakkoli li qed jitpoġġew fuq il-blat dejjem qed jonqos. Il-Kumitat ser jiġbed l-attenzjoni dwar dan.

**5.04** Il-Kumitat reġa' rċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq iż-Żirżieb, Ix-Xlendi fejn qed jilmenta dwar trabijiet li qed itiru minn *area* li tintuża għall-*parking* tal-karozzi. Is-Sindku infurmat lill-Kumitat li l-art kienet qed tixxarrab ta' spiss u daqt jintefa' materjal oħxon fuq il-wiċċ.

**5.05** Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand persuna li bagħtet ritratt ta' skart li hemm bejn is-siġar tal-bruk fit-tarf ta' Triq San Xmun. Dan l-ilment ġie rreferut lit-Taqsima Indafa Pubblika.

**5.06** Il-Kumitat irċieva mingħand id-Diviżjoni tal-*Funding* dwar il-bilanċ tal-UIF tal-Awtorità tal-Ippjanar. Il-bilanċ għall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi huwa ta' €30,431.14. Iċ-*Chairperson* ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li ż-żewġ lanterni li nbidlu u qed jużaw lampi LED intlaqgħu tajjeb u l-Kumitat jista' jipproċedi billi joħroġ l-offerti u napplikaw għall-fondi tal-UIF.

**5.07** Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand Bird Life Malta rigward il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija. Huma qed jitolbu permess sabiex titwaħħal tabella b'informazzjoni dwar it-tajra 'Il-Garnija'. Huma qed jitolbu wkoll *logo* tal-Kunsill/Kumitat sabiex jiġi inkluż fit-tabella. Kien hemm qbil dwar dan.

**5.08** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li kienet saret laqgħa mad-Direttur, Gvern Lokali rigward il-*working capital* hekk kif irriżulta fil-*Financial Statements* għas-sena li għalqet f'Diċembru 2015. F'din il-laqgħa kien hemm preżenti s-Sindku u l-*Accountant* Daniel Galea. L-*Accountant* fisser li r-raġuni li l-*working capital* ġie bil-*minus* huwa peress li *grants* tal-fondi tal-EU jiġu kkalkulati bħala *liability*. Id-Direttur talab lill-Kunsill/Kumitat inaqqas l-ispejjeż għas-sena 2016 iżda l-Kunsill/Kumitat ma qabilx, l-aktar għar-raġuni li għas-sena 2016 il-pagi ser jiżdiedu b'madwar €15,000 għar-raġuni li ġie impjegat skrivan *full-time*.

## 6. Xogħlijiet u proġetti fix-Xlendi

**6.01** Bħalissa ma humiex isiru xogħlijiet ta' proġetti peress li ma jistax isir xogħol ta' proġetti fix-xhur tas-sajf. Il-proġett tal-kisi tal-passaġġ ser jinbeda fl-1 ta' Novembru 2016.

## 7. Materji oħra

**7.01** Is-Sur Saviour Xiberras staqsa dwar meta ser jitranġa l-moll tax-Xlendi peress li kien sarlu ħsara bil-maltemp. Is-Sindku infurmatu li l-Ministeru għal Għawdex jafu bih u ser jirranġawh skont il-prijoritajiet tagħhom.

**7.02** Is-Sinjorina Charmaine Vella ġibdet l-attenzjoni tal-Kumitat li l-lampi ta' Triq San Xmun reġgħu ma jixgħelux. Dawn ser jerġgħu jiġu rrappurtati. Hija ssuġġeriet li l-Kumitat jibda jaħdem fuq xi attivitajiet li jistgħu jsiru għall-Milied. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li ma hemmx *budget* għall-attivitajiet iżda hemm *budget* raġunevoli sabiex titranġa l-ħsara fit-tiżjin tax-Xlendi u anke jista' jinxtara festun bil-bozoz ikkuluriti biex jitkompla ma' dak li nxtara s-sena l-oħra.

## 8. Aġġornament

**8.01** Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 28 ta' Settembru 2016 fil-5.30 ta' filgħaxija b'Aġenda li tkun ikkomunikata aktar 'il quddiem.

**8.02** Il-laqgħa tal-lum intemmet fis-7.10 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ***Mark Busuttil*** | ***Anthony Grech*** |
| *Chairperson* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: 28 ta' Settembru 2016